*Intervenjent insostenn tal-konvenuti fil-Kawża T-533/15:* Ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq (rappreżentanti: inizjalment minn V. Kaye, sussegwentment minn S. Brandon, sussegwentement minn S. Brandon u C. Crane, u fl-aħħar nett minn S. Brandon, aġenti)

**Suġġett**

Fil-Kawża T-533/15, talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2015/1066 tat-2 ta' Lulju 2015 li temenda d-Deċiżjoni 2013/183/PESK dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea (ĠU 2015, L 174, p. 25), tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1062 tat-2 ta' Lulju 2015 li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 329/2007 dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea (ĠU 2015, L 174, p. 16), tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2016/475 tal-31 ta' Marzu 2016 li temenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/183/PESK dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Demokratika Popolari tal-Korea (ĠU 2016, L 85, p. 34), tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/659 tas-27 ta' April 2016 li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 329/2007 dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea (ĠU 2016, L 114, p. 9), tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2016/849 tas-27 ta' Mejju 2016 dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Demokratika Popolari tal-Korea u li tħassar id-Deċiżjoni 2013/183/PESK (ĠU 2016, L 141, p. 79), u kwalunkwe regolament ta' implimentazzjoni tal-Kunsill relatat sa fejn dawn l-atti jikkonċernaw lir-rikorrenti u, fil-Kawża T-264/16, talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża għall-annullament tad-Deċiżjoni 2016/475, tar-Regolament ta' Implimentazzjoni 2016/659, tad-Deċiżjoni 2016/849 u ta' kwalunkwe regolament ta' implimentazzjoni tal-Kunsill relatat, sa fejn dawn l-atti jikkonċernaw lir-rikorrenti.

**Dispożittiv**

1) *Ir-rikorsi huma miċħuda.*

2) *Fil-Kawża T-533/15, Kim Il-Su u r-rikorrenti l-oħra li isimhom jidher fl-anness huma kkundannati għall-ispejjeż, bl-eċċezzjoni ta' dawk sostnuti mir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq.*

3) *Fil-Kawża T-264/16, Korea National Insurance Corporation hija kkundannata għall-ispejjeż.*

4) *Fil-Kawża T-533/15, ir-Renju Unit għandu jbati l-ispejjeż rispettivi tiegħu.*

(1) ĠU C 381, 16.11.2015.

---

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-14 ta' Marzu 2018 – TestBioTech vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-33/16)** (1)

***("Ambjent — Prodotti ġenetikament immodifikati — Regolament (KE) Nru 1367/2006 — Regolament (KE) Nru 1829/2003 — Fażola tas-sojja ġenetikament immodifikata MON 87769, MON 87705 u 305423 — Ċaħda ta' talba għal reviżjoni interna tad-deċiżjonijiet ta' awtorizzazzjoni ta' tqegħid fis-suq — Kunċett ta' 'dritt ambjentali' — Artikolu 10 tar-Regolament Nru 1367/2006")***

(2018/C 152/31)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* TestBioTech eV (München, il-Ġermanja) (rappreżentanti: R. Stein, solicitor, K. Smith, QC, u J. Stevenson, barrister)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: J. Tomkin, L. Pignataro-Nolin u C. Valero, aġenti)

*Intervenjenti insostenn tal-konvenuta:* Monsanto Europe (Antwerpen, il-Belġju) u Monsanto Company (Wilmington, Delaware, l-Istati Uniti) (rappreżentant: M. Pittie, avukat), u Pioneer Overseas Corp. (Johnston, Iowa, l-Istati Uniti) u Pioneer Hi-Bred International, Inc. (Johnston) (rappreżentanti: G. Forwood, avukat, J. Killick, barrister, u S. Nordin, solicitor)

**Suġġett**

Talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża għall-annullament tal-ittra tal-Kummissarju tal-Kummissjoni inkarigat mis-Saħħa u s-Sikurezza tal-Ikel tas-16 ta’ Novembru 2015, li tiċħad it-talba għal reviżjoni interna, ibbażata fuq l-Artikolu 10 tar-Regolament (KE) Nru 1367/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta’ Settembru 2006 dwar l-applikazzjoni għall-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità tad-disposizzjonijiet tal-Konvenzjoni ta’ Aarhus dwar l-Aċċess għall-Informazzjoni, il-Parteċipazzjoni tal-Pubbliku fit-Teħid ta’ Deċiżjonijiet u l-Aċċess għall-Ġustizzja fi Kwistjonijiet Ambjentali (ĠU 2006, L 264, p. 13), tad-deċiżjonijiet ta’ implimentazzjoni li jawtorizzaw it-tqegħid fis-suq tal-fażola tas-sojja ġenetikament immodifikata MON 87769, MON 87705 u 305423.

**Dispożittiv**

1) *L-ittra tal-Kummissarju tal-Kummissjoni Ewropea inkarigat mis-Saħħa u s-Sikurezza tal-Ikel tas-16 ta’ Novembru 2015, bir-referenza Ares(2015) 5145741, dwar it-talba għal reviżjoni interna, ibbażata fuq l-Artikolu 10 tar-Regolament (KE) Nu 1367/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta’ Settembru 2006 dwar l-applikazzjoni għall-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità tad-disposizzjonijiet tal-Konvenzjoni ta’ Aarhus dwar l-Aċċess għall-Informazzjoni, il-Parteċipazzjoni tal-Pubbliku fit-Teħid ta’ Deċiżjonijiet u l-Aċċess għall-Ġustizzja fi Kwistjonijiet Ambjentali, tad-deċiżjonijiet ta’ implimentazzjoni li jawtorizzaw it-tqegħid fis-suq tal-fażola tas-sojja ġenetikament immodifikata MON 87769, MON 87705 u 305423, hija annullata.*

2) *Il-Kummissjoni għandha tbati l-ispejjeż tagħha stess kif ukoll dawk ta’ TestBioTech eV.*

3) *Monsanto Europe, Monsanto Company, Pioneer Overseas Corp. u Pioneer Hi-Bred International, Inc. għandhom ibatu l-ispejjeż rispettivi tagħhom.*

---

([1]) ĠU C 136, 18.4.2016.

---

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-15 ta’ Marzu 2018 – Naviera Armas vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-108/16)** ([1])

***(“Għajnuna mill-Istat — Kundizzjonijiet ta’ użu tal-infrastruttura portwarja ta’ Puerto de Las Nieves minn kumpannija tat-transport marittimu — Użu esklużiv ta’ infrastrutturi ffinanzjati minn fondi pubbliċi, mingħajr kuntratt ta’ konċessjoni — Eżenzjoni ta’ parti mit-taxxi portwarji — Ilment ta’ kompetitur — Deċiżjoni li tikkonstata l-assenza ta’ għanjuna mill-Istat fi tmiem il-proċedura ta’eżami preliminari — Diffikultajiet serji waqt l-eżami tal-miżuri kkonċernati — Evoluzzjoni tas-sitwazzjoni inkwistjoni matul il-proċedura amministrattiva — Kunċett ta’ vantaġġ mogħti permezz ta’ riżorsi tal-Istat — Żbalji ta’ evalwazzjoni tal-fatti u żbalji ta’ liġi — Deċiżjoni ta’ qorti nazzjonali li tissospendi l-effetti ta’ sejħa għal offerti — Rekwiżit ta’ eżami diliġenti u imparzjali tal-ilment”)***

(2018/C 152/32)

*Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Naviera Armas, SA (Las Palmas de Gran Canaria, Spanja) (rappreżentanti: J. L. Buendía Sierra u Á. Givaja Sanz, avukati)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: A. Bouchagiar, G. Luengo u S. Noë,)

*Intervenjenti insostenn tal-konvenuta:* Fred Olsen, SA (Santa Cruz de Tenerife, Spanja) (rappreżentant: F. Marín Riaño, avukat)

**Suġġett**

Talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2015) 8655 finali, tat-8 ta’ Diċembru 2015, li tikkonċerna l-għajnuna mill-Istat SA.36628 (2015/NN) (ex 2013/CP) – Spanja – Fred Olsen